MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 270/2014

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Paul Vella (K.I. 430453M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u hmistax-il ewro u tlieta u sittin centezmu (€1315.63c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' 79430456 (AC40173758)

Illi s-somma fuq imsemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi ‘nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 1989/13, u bl-imghaxijiet mit-23 t’ Awwissu, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A - Prospett

Dok B - Kuntratt

Dok C – Ittra Ufficjali 1989/13

Dok D – Estratt mir-Registru Elettorali

Ra l-verbal datat 6 ta’ Jannar, 2015 fejn il-konvenut ammetta it-talba bil-kundizzjoni illi l-ammont dovut jithallas permezz ta’ pagamenti mensili.

Ra n-nota tas-Socjeta’ Mobisle Communications Limited pprezentata nhar is-06 ta’ Jannar, 2015, li permezz taghha s-Socjeta’ attrici rriduciet it-talba bl-ammont ta’ mija u hamsin ewro (€150) li thallsu ‘seduta stante’ dakinhar stess tas-06 ta’ Jannar, 2015. Ghalhekk l-ammont qed jigi ridott ghall-elf mija u hamsa u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1165.63c).

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici fl-ammont kif ridott ghall-ammont ta’ elf mija u hamsa u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu. (€1165.63c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitluba fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------